**Parlament Ewropew**
Direttorat Ġenerali għall-Presidenza
Direttorat għas-Seduta Plenarja

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Il-Plenarja: Gwida għall-Utenti

**(verżjoni riveduta tal-2024)**

Din il-gwida tispjega r-rwol u l-ħidma tal-plenarja tal-Parlament Ewropew u hija strutturata kif ġej: l-**ewwel kapitolu** jittratta l-korpi governattivi tal-Parlament, filwaqt li jagħti ħarsa ġenerali lejn min jagħmel xiex fil-plenarja, it-**tieni kapitolu** jistabbilixxi kif jiġu organizzati s-sessjonijiet plenarji u kif jitfasslu l-aġendi plenarji, it-**tielet kapitolu** jelabora dwar l-aċċess u l-imġiba fil-kmamar plenarji, ir-**raba' kapitolu** jittratta l-organizzazzjoni u t-tmexxija tad-dibattiti plenarji, il-**ħames kapitolu** jispjega l-proċeduri madwar il-votazzjonijiet u fl-aħħar nett is-**sitt kapitolu** jittratta t-tipi ta' dokumenti relatati mal-attivitajiet fil-plenarja.

Biex issir taf aktar dwar il-kumitati leġiżlattivi differenti tal-Parlament, tista' ssib informazzjoni hawnhekk. Jekk qed tfittex li żżur il-Parlament Ewropew, jew fi Brussell jew fi Strasburgu, tista' tippjana ż-żjara tiegħek hawnhekk.

# 1 – IR-RWOLI U L-KOMPITI FIL-PLENARJA

## 1.1 IL-PRESIDENT

**Dmirijiet tal-President (l-Artikolu 22)**

Il-President imexxi l-attivitajiet kollha tal-Parlament u tal-korpi tiegħu f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura, u għandu s-setgħat kollha meħtieġa biex jippresiedi l-proċeduri tiegħu u jiżgura li dawn jiżvolġu kif suppost.

Il-President tas-seduta jiftaħ, jissospendi u jagħlaq is-seduta, jiżgura l-osservanza tar-Regoli ta' Proċedura, iżomm l-ordni, isejjaħ lill-kelliema, jagħlaq id-dibattiti, iressaq kwistjonijiet biex jittieħed vot fuqhom u jħabbar ir-riżultati tal-votazzjonijiet.

**Elezzjoni tal-President (l-Artikoli 15 u 16)**

Il-Parlament jeleġġi l-President tiegħu permezz ta' votazzjoni sigrieta. In-nominazzjonijiet jistgħu jsiru biss minn grupp politiku jew minn Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, u bil-kunsens tal-persuna nominata. In-nomini jistgħu jiġu ppreżentati qabel kull votazzjoni.

Matul l-elezzjoni tal-President, Membru jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14 u jħabbar il-persuni nominati għall-Parlament. Jekk, wara tliet votazzjonijiet, ebda kandidat ma jkun kiseb maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, ir-raba' votazzjoni ssir biss bejn dawk iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tielet votazzjoni. Fil-każ ta' voti ndaqs, l-aktar membru anzjan jiġi dikjarat elett. Malli l-President ikun ġie elett, il-Membru li jkun proviżorjament fis-Sedja ma jibqax jokkupaha. Huwa biss il-President elett li jista' jagħmel l-indirizz tal-ftuħ.

## 1.2 IL-VIĊI PRESIDENTI

Dmirijiet tal-Viċi Presidenti (**l-Artikolu 23**)

Il-Viċi Presidenti jissostitwixxu lill-President jekk ikun assenti, iżda ma jistgħux jesegwixxu d-dmirijiet tiegħu u lanqas jieħdu sehem fid-dibattitu.

**Elezzjoni tal-Viċi Presidenti (l-Artikoli 15 u 17)**

Il-Viċi Presidenti jiġu eletti wara li jkun ġie elett il-President. Hemm erbatax-il siġġu li jridu jimtlew. Il-Viċi Presidenti jiġu eletti b'votazzjoni sigrieta. In-nominazzjonijiet jistgħu jsiru biss minn grupp politiku jew minn Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, u bil-kunsens tal-persuna nominata.

Jekk l-għadd ta' nominazzjonijiet ma jaqbiżx l-għadd ta' siġġijiet li jridu jimtlew, il-kandidati jiġu eletti b'akklamazzjoni, sakemm ma jkunx hemm talba għal votazzjoni sigrieta minn Membri jew minn gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu l-għoli. F'dan il-każ, l-ordni ta' preċedenza tagħhom jiġi deċiż b'votazzjoni sigrieta. Fil-każ ta' votazzjoni waħda għal aktar minn detentur ta' kariga wieħed, il-polza tal-votazzjoni għandha tkun valida biss jekk ikunu ntefgħu aktar minn nofs il-voti disponibbli.

Fl-ewwel votazzjoni, il-kandidati li jġibu maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa jiġu ddikjarati eletti fl-ordni tan-numru tal-voti miksuba. Issir votazzjoni oħra jekk is-siġġijiet jibqgħu ma jimtlewx wara l-ewwel votazzjoni. Jekk jirriżulta li tkun meħtieġa t-tielet votazzjoni, il-kandidati jiġu eletti b'maġġoranza relattiva sabiex is-siġġijiet jimtlew xorta waħda. Fil-każ ta' voti ndaqs, il-membri l-aktar anzjani jiġu ddikjarati eletti.

## 1.3 MANDATI

**Mandati – Tul (l-Artikolu 19)**

Il-mandat tal-President u tal-Viċi Presidenti huwa ta' **sentejn u nofs**.

**Mandati – Karigi vakanti (l-Artikolu 20)**

Jekk ikun meħtieġ li l-President jew Viċi President jiġi sostitwit, is-suċċessur jiġi elett skont ir-regoli t'hawn fuq. Jekk il-kariga ta' President issir vakanti, l-ewwel Viċi President jassumi d-dmirijiet ta' President sakemm jiġi elett President ġdid.

## 1.4 IL-BUREAU

**Kompożizzjoni u dmirijiet tal-Bureau (l-Artikoli 24 u 25)**

Il-Bureau huwa kompost mill-President tal-Parlament u l-erbatax-il Viċi President. Il-Kwesturi huma membri tal-Bureau f'kapaċità konsultattiva.

Il-Bureau jieħu deċiżjonijiet dwar, fost l-oħrajn, kwistjonijiet finanzjarji, organizzattivi u amministrattivi li jikkonċernaw il-Membri u l-organizzazzjoni interna tal-Parlament, is-segretarjat u l-organi tiegħu. Huwa jieħu ħsieb ukoll kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tmexxija tas-seduti.

## 1.5 IL-KONFERENZA TAL-PRESIDENTI

**Kompożizzjoni u dmirijiet tal-Konferenza tal-Presidenti (l-Artikoli 26, 27 u 163)**

Il-Konferenza tal-Presidenti hija magħmula mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-presidenti tal-gruppi politiċi. Il-President tal-Parlament jistieden lil wieħed mill-Membri mhux affiljati sabiex jattendi għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr ma jkollu d-dritt għall-vot.

Fost kompiti oħra, il-Konferenza tal-Presidenti tieħu deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Parlament u dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ppjanar leġiżlattiv. Hi tadotta l-abbozz ta' aġenda u l-abbozz ta' aġenda finali għas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament.

## 1.6 IL-KONFERENZA TAL-PRESIDENTI TAL-KUMITATI (l-Artikoli 29 u 163)

Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati hija magħmula mill-presidenti tal-kumitati permanenti jew speċjali kollha, u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-abbozzar tal-aġenda għas-sessjonijiet parzjali.

## 1.7 MEMBRI

**Tul tal-mandat (l-Artikolu 4)**

Il-Membri huma eletti għal perjodu ta' ħames snin.

**Allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Kamra (l-Artikolu 38)**

Il-Konferenza tal-Presidenti tiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Kamra fost il-gruppi politiċi, il-Membri mhux affiljati u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Tqassim tas-siġġijiet**

It-tqassim aġġornat tas-siġġijiet jiġi distribwit u ppubblikat fuq il-paġna web tal-Plenarja għal kull sessjoni parzjali.

## 1.8 GRUPPI POLITIĊI U MEMBRI MHUX AFFILJATI (l-Artikoli 33 u 37)

Il-Membri jistgħu jingħaqdu fi gruppi skont l-affinitajiet politiċi tagħhom. Il-gruppi politiċi jridu jkunu magħmula minn Membri eletti f'mhux inqas minn kwart tal-Istati Membri u l-għadd minimu ta' Membri meħtieġa biex jiffurmaw grupp politiku huwa tlieta u għoxrin. Membru ma jistax ikun simultanjament f'iktar minn grupp wieħed.

Il-Membri li ma jagħmlux parti minn grupp politiku huma meqjusa “mhux affiljati”, skont l-Artikolu 37.

# 2 – L-ORGANIZZAZZJONI TAS- SESSJONIJIET PLENARJI

Il-Parlament jiltaqa' kull xahar fi Strasburgu f'sessjoni parzjali ta' erbat ijiem (mit-Tnejn sal-Ħamis). Sessjonijiet parzjali addizzjonali jsiru fi Brussell.

Għal kull sessjoni parzjali titfassal aġenda.

## 2.1 SESSJONIJIET TAL-PARLAMENT

### Leġiżlatura (l-Artikolu 159)

Il-leġiżlatura tkopri l-istess żmien bħat-terminu tal-kariga tal-Membri, jiġifieri ħames snin.

### Sessjonijiet, sessjonijiet parzjali, seduti (l-Artikolu 159)

Sessjoni tkopri perjodu ta' sena. Il-laqgħat tal-Parlament, li bħala regola jsiru kull xahar, huma sessjonijiet parzjali. Is-sessjonijiet parzjali huma maqsuma f'seduti ta' ġurnata, li min-naħa tagħhom jinqasmu fi slots ta' ħin speċifiċi għad-dibattiti u l-votazzjonijiet.

### Tlaqqigħ tal-Parlament (l-Artikolu 160)

Il-Parlament jiltaqa', mingħajr il-ħtieġa li jissejjaħ, fit-tieni Tlieta ta' Marzu kull sena u jiddeċiedi dwar it-tul tal-aġġornamenti tas-sessjoni. Il-Parlament jiltaqa' wkoll, mingħajr il-ħtieġa li jissejjaħ, fl-ewwel Tlieta wara intervall ta' xahar mill-elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

Eċċezzjonalment, il-Parlament jista' jissejjaħ mill-President fuq l-inizjattiva tiegħu stess, fuq talba tal-maġġoranza tal-Membri, jew fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill.

Il-Parlament jista' jissejjaħ ukoll fuq deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, fuq proposta ta' kumitat, Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu għoli, biex isiru sessjonijiet parzjali *ad hoc*, mingħajr sessjoni ta' votazzjoni, dwar kwistjonijiet ta' importanza politika sinifikanti.

### Kalendarju tas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament

Il-kalendarju annwali tas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament jiġi adottat fil-plenarja.

### Laqgħat li jsiru simultanjament mas-seduti plenarji

Bħala regola ġenerali, billi s-seduti plenarji huma l-aktar forum importanti għax-xogħol tal-Kamra, ma għandha ssir ebda laqgħa oħra fl-istess ħin.

## 2.2 AĠENDA

### Aġenda

L-adozzjoni tal-aġenda ta' kull sessjoni parzjali tinvolvi diversi stadji:

- l-**abbozz ta' aġenda**
- l-**abbozz ta' aġenda finali**
- l-**aġenda**

### Abbozz ta' aġenda (l-Artikolu 163)

L-abbozz ta' aġenda għas-sessjoni parzjali li jkun imiss jiġi adottat mill-Konferenza tal-Presidenti, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, fit-tieni laqgħa tagħha qabel is-sessjoni parzjali kkonċernata.

Imbagħad jitqassam u jiġi ppubblikat fuq il-paġna web tal-Plenarja, fil-lingwi uffiċjali kollha.

### Abbozz ta' aġenda finali (l-Artikolu 163)

Wara li teżamina t-talbiet kollha proposti mill-gruppi politiċi għal bidliet fl-abbozz ta' aġenda, il-Konferenza tal-Presidenti tadotta l-abbozz finali tal-aġenda fl-aħħar laqgħa qabel is-sessjoni parzjali kkonċernata.
L-abbozz ta' aġenda finali jitqassam u jiġi ppubblikat fuq il-paġna web tal-Plenarja, fil-lingwi uffiċjali kollha.

**Adozzjoni tal-aġenda (l-Artikolu 164)**

Fil-bidu ta' kull sessjoni parzjali, il-Parlament jadotta l-aġenda tiegħu abbażi tal-abbozz ta' aġenda finali. Kumitat, grupp politiku jew mill-inqas wieħed minn kull għaxar Membri jistgħu jipproponu emenda waħda għall-abbozz tal-aġenda definittiv b'reazzjoni għal avvenimenti jew żviluppi politiċi, li rriżultaw wara l-adozzjoni tiegħu mill-Konferenza tal-Presidenti. Il-proposti għal tali emendi jridu jaslu għand il-President **mhux anqas minn siegħa** qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali. Il-President jista' jagħti l-kelma lill-persuna li tkun ressqet l-emenda u lil kelliem wieħed kontra, għal mhux iżjed minn minuta kull wieħed.

L-**aġenda** tinkludi, fost l-oħrajn, l-informazzjoni li ġejja:

- id-dibattiti u punti oħra, b'dettalji dwar kull punt (dokumenti ta' referenza u proċedura)
- l-ordni li fih ser issir votazzjoni dwar il-punti fuq l-aġenda
- il-ħin għad-diskorsi
- l-iskadenzi għat-tressiq ta' testi relatati mal-punti fuq l-aġenda u għat-talbiet għal votazzjonijiet separati, maqsuma u/jew għal sejħa tal-ismijiet
- spjega tad-diversi proċeduri parlamentari

L-aġenda titqassam u tiġi ppubblikata fuq il-paġna web tal-Plenarja, fil-lingwi uffiċjali kollha.

**Emendi għall-aġenda, wara l-adozzjoni tagħha**

Ladarba l-aġenda tkun ġiet adottata, ir-Regoli ta' Proċedura jipprevedu l-possibilità li din tiġi emendata f'dawn it-tliet każijiet li ġejjin biss:

- l-applikazzjoni ta' proċedura urġenti rigward proposta leġiżlattiva (l-Artikolu 170);
- l-applikazzjoni ta' mozzjoni ta' proċedura (ara l-Artikoli 204, 205, 206 u 207);
- proposta tal-President. (Il-President normalment jagħmel proposta bħal din biss meta jkun hemm kunsens mal-gruppi politiċi.)

Jekk talba biex tiġi emendata l-aġenda ma tintlaqax, din ma tistax titressaq mill-ġdid matul l-istess sessjoni parzjali.

**Aġġornament ta' dibattitu jew ta' votazzjoni (l-Artikolu 206)**

Fil-bidu ta' dibattitu, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx jistgħu jressqu mozzjoni li d-dibattitu jiġi pospost għal data u ħin speċifiċi. Il-ħsieb li titressaq mozzjoni ta' aġġornament irid jiġi kkomunikat lill-President tal-anqas 24 siegħa bil-quddiem u l-President għandu jgħarraf lill-Parlament minnufih.  Jekk il-mozzjoni tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titressaq f'dik is-sessjoni parzjali.

L-aġġornament tal-votazzjoni jista' jitressaq minn grupp politiku jew minn għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx mingħajr avviż bil-quddiem, qabel jew waqt votazzjoni. Mozzjoni bħal din titressaq għall-votazzjoni minnufih.

**Għeluq tad-dibattitu (l-Artikolu 205)**

Fuq proposta tal-President jew fuq talba ta' grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx, dibattitu jista' jingħalaq qabel ma jkunu tkellmu l-kelliema kollha mniżżlin fil-lista tal-kelliema. Il-votazzjoni dwar tali proposta jew talba ssir immedjatament.

Jekk il-proposta jew it-talba tiġi approvata, jista' jitkellem Membru wieħed biss minn kull grupp politiku li jkun għadu ma tkellimx fid-dibattitu. Proposta jew talba li tkun ġiet miċħuda ma tistax titressaq f'dak id-dibattitu, ħlief mill-President.

Skont l-Artikolu 181, il-President għandu d-dritt itemm l-użu eċċessiv ta' mozzjonijiet bħal punti ta' ordni, mozzjonijiet ta' proċedura jew spjegazzjonijiet tal-vot, jew talbiet għal votazzjonijiet separati, votazzjonijiet maqsuma jew votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet meta jkun konvint li dawn il-mozzjonijiet

jew talbiet ikunu manifestament maħsuba biex ifixklu serjament u fit-tul il-proċeduri tal-Parlament jew id-drittijiet tal-Membri.

## 2.3 SKADENZI

### Skadenzi għat-tressiq ta' emendi

L-iskadenza għat-tressiq ta' emendi għat-testi li fuqhom jittieħed vot fil-plenarja normalment tkun fis-**13.00 tal-Erbgħa** tal-ġimgħa ta' qabel ma jibdew is-sessjonijiet parzjali fi Strasburgu u Brussell. Jistgħu jiġu adottati skadenzi differenti, b'mod partikolari għal punti ġodda miżjuda mal-abbozz finali tal-aġenda jew l-aġenda.

L-iskadenzi jiġu ppubblikati fl-aġenda għas-sessjoni parzjali u fuq il-paġna web tal-Plenarja.

### Skadenzi biex jintalbu votazzjonijiet separati, maqsuma jew b'sejħa tal-ismijiet

Grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx jistgħu jitolbu votazzjoni separata, maqsuma jew b'sejħa tal-ismijiet. It-talba trid tkun bil-miktub u trid issir – l-aktar tard – filgħaxija qabel il-votazzjoni sakemm il-President ma jiffissax skadenza differenti. Kull grupp politiku jista' jressaq mhux iktar minn mitt talba għal votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet għal kull sessjoni parzjali.

Meta jieħu deċiżjoni abbażi ta' rapport, il-Parlament għandu jieħu kwalunkwe votazzjoni waħdanija u/jew votazzjoni finali b'sejħa tal-ismijiet (l-Artikolu 195). Dan ma japplikax għar-rapporti li jikkonċernaw proċeduri dwar l-immunità (l-Artikoli 8(2) u 9(4), (7) u (9)).

### Skadenzi relatati mal-proċeduri leġiżlattivi

L-iskadenzi li jikkonċernaw il-proċeduri leġiżlattivi jitħabbru mill-President u għandhom effett vinkolanti. L-iskadenzi stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura għall-proċeduri parlamentari jistgħu jiġu kkalkolati abbażi ta' dawn l-avviżi. Id-dettalji tal-avviżi jidhru fil-minuti tas-seduta kkonċernata.

## 2.4 PROĊEDURA URĠENTI (l-Artikolu 170)

Talba sabiex, minħabba żviluppi mhux mistennija, deċiżjoni dwar proposta ppreżentata lill-Parlament titqies bħala urġenti, tista' ssir lill-Parlament mill-President, minn xi kumitat, minn xi grupp politiku, minn Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx, mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill.

Din trid issir bil-miktub u tkun ġustifikata. Għal talbiet mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandu jkun fiha ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull proposta u, meta xieraq, indikazzjoni preċiża ta' skadenzi legalment meħtieġa għall-adozzjoni jew id-dħul fis-seħħ tal-att legalment vinkolanti propost.

Il-President iħabbar it-talbiet għal deċiżjoni urġenti lill-Parlament malajr kemm jista' jkun wara li jaslu għandu. Imbagħad, fil-bidu tas-seduta ta' wara, il-Parlament jivvota fuq it-talba. Qabel il-votazzjoni jistgħu jinstemgħu biss min iressaq it-talba, kelliem wieħed kontra, u l-President u/jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, u f'kull każ dawn ma jistgħux jitkellmu għal iżjed minn tliet minuti. Jekk it-talba tiġi approvata, il-President jistabbilixxi l-ħin tal-votazzjoni u, meta jkun xieraq, dibattitu.

Fil-prinċipju, il-Parlament jieħu d-deċiżjoni urġenti dwar il-proposta abbażi ta' rapport tal-kumitat responsabbli. Madankollu, jekk mitlub mill-President, minn kumitat, minn grupp politiku, jew minn Membri li jilħqu tal-anqas il-livell baxx, il-Parlament jista' jiddeċiedi b'mod eċċezzjonali li jieħu d-deċiżjoni urġenti mingħajr rapport jew abbażi ta' rapport orali mill-kumitat responsabbli.

*Ara wkoll "Proċedura mingħajr emendi u dibattiti" (fit-Taqsima 5.3. "Proċedura tal-votazzjoni") u "Emendi – Proċedura simplifikata" (fit-Taqsima 5.1. "Emendi").*

## 2.5 DEĊIŻJONIJIET BIEX JINBDEW NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI

Meta l-kumitat ikun adotta rapport leġiżlattiv skont l-Artikolu 51, huwa jista' jiddeċiedi, permezz tal-maġġoranza tal-membri tiegħu, li jidħol f'negozjati abbażi ta' dak ir-rapport, bi qbil mal-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura.

Id-deċiżjonijiet għal dħul f'negozjati għandhom jitħabbru fil-bidu tas-sessjoni parzjali li ssegwi l-adozzjoni tagħhom fil-kumitat. Sa tmiem il-jum wara t-tħabbira fil-Parlament, għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju jew kumitat li jkun ta opinjoni skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura jistgħu jitolbu bil-miktub li deċiżjoni ta' kumitat għal dħul f'negozjati jittieħed vot fuqhom. Il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi għal dik il-votazzjoni matul l-istess sessjoni parzjali. Jekk ma ssir l-ebda talba sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 72(2) tar-Regoli ta' Proċedura, il-President għandu jinforma lill-Parlament li dan huwa l-każ. Jekk issir talba, il-President jista', immedjatament qabel il-votazzjoni, jagħti d-dritt tal-kelma lil kelliem wieħed minn kull grupp politiku biex jitkellem dwar id-deċiżjoni tal-kumitat li jidħol f'negozjati. Kull kelliem jista' jagħmel diskors ta' mhux aktar minn minuta.

Jekk il-Parlament jirrifjuta d-deċiżjoni tal-kumitat li jidħol f'negozjati, l-abbozz ta' att leġiżlattiv u r-rapport tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu fl-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara, u l-President għandu jistabbilixxi skadenza biex l-emendi jitqiegħdu fuq il-Mejda.

## 2.6 SEDUTI FORMALI

Seduta formali hija seduta fl-okkażjoni ta' żjara uffiċjali fil-Parlament Ewropew (minn Kap ta' Stat, mexxej reliġjuż jew mistednin prominenti oħrajn) magħmula fuq stedina tal-President wara konsultazzjoni mal-Konferenza tal-Presidenti.

Il-mistieden uffiċjali jpoġġi fuq il-lemin tal-President fuq il-podju. Wara l-kummenti ta' merħba mill-President, il-mistieden uffiċjali jindirizza lill-Parlament mit-tribuna ċentrali fil-Kamra.

L-indirizz għal seduta formali tal-Parlament normalment ikun ta' 30 minuta u ġeneralment iseħħ qabel il-votazzjonijiet.

**Il-Premju Sakharov**

"Il-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb" tal-Parlament Ewropew inħoloq fl-1988. Il-Premju jingħata lil individwi li jkunu taw kontribut eċċezzjonali fil-qlieda għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, u b'hekk jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku fuq il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jagħti appoġġ lir-rebbieħa tal-Premju u lill-kawża li jħaddnu. Il-premju jingħata kull sena f'seduta formali tal-Parlament, ġeneralment f'Diċembru.

# 3 – KAMRA TAL-PLENARJA U L-GALLARIJA

Għas-seduti plenarji, is-720 Membru tal-Parlament Ewropew jiddibattu u jivvutaw fil-Kamra fi Strasburgu u f'dik fi Brussell. Il-viżitaturi individwali u fi gruppi huma milqugħa fil-Gallerija tal-Viżitaturi kemm fi Brussell kif ukoll fi Strasburgu.

## 3.1 AĊĊESS GĦALL-KAMRA GĦALL-MEMBRI U GĦALL-PERSUNAL

F'konformità mal-Artikolu 173, l-aċċess għall-Kamra huwa riżervat għall-Membri tal-Parlament, il-Membri tal-Kummissjoni, il-Membri tal-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, il-membri tal-persunal li d-dmirijiet tagħhom jirrikjedu l-preżenza tagħhom hemmhekk u għal kull persuna mistiedna mill-President.

Il-membri tal-persunal tal-gruppi politiċi għandhom għadd ta' postijiet fil-Kamra allokati lilhom. Dawn jistgħu jidħlu biss meta jkun hemm ħtieġa stretta li jassistu lill-Membri fil-qadi ta' dmirijiethom hemmhekk. Huma obbligati jippreżentaw pass tad-dħul speċifiku u jilbsuh fejn jidher il-ħin kollu.

Uffiċjali tal-Parlament jistgħu jidħlu fil-Kamra biss f'każijiet eċċezzjonali u meta jkun strettament meħtieġ biex jassistu lill-Membri fil-qadi ta' dmirijiethom hemmhekk. Huma obbligati jippreżentaw pass tad-dħul speċifiku u jilbsuh fejn jidher il-ħin kollu. L-uxxiera tal-parlament biss jistgħu, bl-awtorità tal-President li jippresiedi s-seduta, iqassmu dokumenti relatati max-xogħol tal-Parlament.

## 3.2 AĊĊESS GĦALL-GALLARIJA U L-KONDOTTA FIHA

**Il-viżitaturi**

Żjara fil-Parlament Ewropew hija opportunità unika biex iċ-ċittadini jitgħallmu kif taħdem id-demokrazija parlamentari tal-UE u kif id-deċiżjonijiet meħuda mill-Parlament Ewropew huma rilevanti għall-ħajja ta' kuljum tagħhom. Il-Parlament joffri lill-viżitaturi firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ħidma li ssir, inkluża l-possibbiltà li jsegwu dibattiti u votazzjonijiet mill-Gallerija tal-Viżitaturi li tinsab fin-naħa ta' fuq tal-Kmamar fi Brussell u Strasburgu.

Il-Parlament għandu servizz iddedikat għall-viżitaturi li jimmaniġġja ż-żjarat fil-Parlament Ewropew. Tista' ssib l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex tippjana ż-żjara tiegħek hawnhekk: https://visiting.europarl.europa.eu/mt

**Delegazzjonijiet uffiċjali u persunal diplomatiku**

fil-Gallerija Diplomatika hemm postijiet riżervati għal delegazzjonijiet uffiċjali, membri tal-korp diplomatiku, membri tal-parlamenti nazzjonali u dinjitarji. Fil-prinċipju, dawn huma l-uniċi persuni li jitħallew jidħlu fil-gallariji uffiċjali: L-applikazzjonijiet għall-aċċess iridu jintbagħtu lis-Servizz tal-Protokoll tal-Parlament: Protocole@europarl.europa.eu

**Il-Midja**

Parti oħra tal-Gallerija hija ddedikata għall-istampa. L-aċċess huwa rregolat mir-regoli applikabbli għar-rappreżentanti tal-midja fil-bini tal-Parlament. Għal aktar informazzjoni dwar l-akkreditazzjoni tal-midja: https://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/accreditation

**Imġiba fil-Gallarija**

Il-Kamra hija żona ta' ħidma u l-persuni ammessi fil-Gallarija huma mistennija jsegwu ċerti regoli dwar l-imġiba matul is-seduti. Il-viżitaturi jridu jibqgħu bilqiegħda, jibqgħu siekta u joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tfixkel il-ħidma tal-Assemblea.

L-użu ta' mobiles, it-tipjip, l-ikel u x-xorb mhumiex permessi fil-Gallarija.

Espressjonijiet ta' approvazzjoni jew diżapprovazzjoni huma pprojbiti wkoll, kif ukoll kwalunkwe fotografija jew iffilmjar (ħlief fejn tkun ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel; it-tagħmir tad-dawl jew flash ma jistgħux jintużaw).

Hemm regoli speċjali li jirregolaw ir-reġistrazzjonijiet fil-bini tal-Parlament Ewropew għar-rappreżentanti tal-midja: https://www.europarl.europa.eu/pdf/Accreditations/Recueil_4_4.4_586710_1_mt.pdf

Il-persuni preżenti fil-gallariji għandhom iqumu bilwieqfa meta l-Assemblea tosserva minuta silenzju.

Il-persuni preżenti fil-gallariji jkunu mgħarrfa bir-regoli li jirrigwardaw l-imġiba li l-Istituzzjoni tistenna minnhom. Il-persunal tal-Parlament responsabbli mill-gallariji jista' jsejjaħ għall-ordni u, jekk ikun hemm bżonn, ikeċċi lil kwalunkwe persuna li l-ilbies jew l-imġiba tagħha ma jkunux konformi ma' dawn ir-regoli.

# 4 – ORGANIZZAZZJONI U TMEXXIJA TAD-DIBATTITI

Is-seduti plenarji primarjament jikkonsistu f'ħinijiet għad-**dibattiti** u l-**votazzjonijiet** (għal aktar tagħrif dwar il-votazzjoni, ara l-Kapitolu 5 – "Organizzazzjoni u tmexxija tal-votazzjoni").

Id-dibattiti ewlenin huma dibattiti magħżula mill-Konferenza tal-Presidenti bħala dawk ta' importanza politika maġġuri u normalment isiru t-Tlieta u/jew l-Erbgħa filgħodu fi Strasburgu. Waqt id-dibattiti ewlenin ma tista' tiġi organizzata l-ebda laqgħa oħra b'mod parallel.

**Skeda**

Is-seduti jinqasmu fi slots stabbiliti minn qabel, qabel u wara l-votazzjonijiet. Ħlief għad-dibattiti li jibdew fil-bidu ta' tali slots, ma hemm l-ebda ħin fiss. It-tul tad-dibattiti jvarja skont l-għadd ta' kelliema.

Id-dibattiti fil-plenarja jistgħu jiġu segwiti f'xandira diretta fuq il-paġna web tal-Plenarja. Għad-dibattiti li jkunu ġejjin, il-ħinijiet previsti u l-listi tal-kelliema jiġu ppubblikati u aġġornati fil-ħin reali.

## 4.1 TIPI TA' DIBATTITU

### Rapporti tal-kumitati (dibattitu sħiħ)

Rapport l-ewwel jiġi diskuss u mbagħad jitressaq għal votazzjoni. L-istruttura tas-soltu ta' dibattitu sħiħ hija spjegata fit-Tabella 1.

Ir-rapporteurs jingħataw sitt minuti biex jitkellmu, li ma jitnaqqsux mill-ħin allokat lill-gruppi politiċi. L-interventi tagħhom isiru fil-bidu u fit-tmiem tad-dibattitu.

Ir-rapporteurs għal opinjonijiet jingħataw minuta biex jitkellmu, li ma titnaqqasx mill-ħin allokat lill-gruppi politiċi.

Ta' min jiġi nnutat li r-rapporti adottati fil-kumitati minn maġġoranza kbira ħafna (b'anqas minn wieħed minn kull għaxar membri li jivvutaw kontra), tista' ssir votazzjoni fuqhom mingħajr ma jkun hemm dibattitu (l-Artikolu 165).

### Rapporti tal-Kumitat (preżentazzjoni qasira) (l-Artikolu 166)

Il-preżentazzjonijiet qosra jikkonsistu f'diskors tar-rapporteur u reazzjoni mill-Kummissjoni segwiti minn mhux aktar minn 10 minuti ta' dibattitu li fih il-President jista' jagħti l-possibbiltà li Membri jagħmlu interventi ta' mhux aktar minn minuta kull wieħed abbażi tal-proċedura "catch-the-eye".

Skont il-prattika attwali, il-preżentazzjonijiet qosra huma strutturati kif ġej:
- Rapporteur 4 minuti
- "Catch-the-eye" 5 minuti (indikattiv)
- Il-Kummissjoni 5 minuti

### Dikjarazzjonijiet tal-Parlament (l-Artikolu 167)

Il-Parlament jista' jdaħħal fl-aġenda dibattiti dwar materji speċifiċi ta' interess għall-Unjoni Ewropea, bil-possibbiltà li d-dibattitu jingħalaq b'riżoluzzjoni.

### Dikjarazzjonijiet minn Istituzzjonijiet oħra (l-Artikolu 136)

Jistgħu jsiru dibattiti dwar dikjarazzjonijiet mill-Kunsill Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni jew mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Id-dibattitu jista' jingħalaq permezz ta' riżoluzzjoni.

**Mistoqsijiet orali lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni (l-Artikolu 142)**

Il-mistoqsijiet orali jistgħu jitressqu minn kumitat, gruppi politiċi jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, b'talba biex jitqiegħdu fl-aġenda tal-Parlament. Il-Konferenza tal-Presidenti tiddeċiedi jekk il-mistoqsijiet għandhomx jitqiegħdu fl-abbozz tal-aġenda, skont l-Artikolu 163.

Jekk mistoqsija orali titressaq minn kumitat(i), l-awtur(i) jingħata(w) ħames minuti biex jitkellem/jitkellmu fil-bidu tad-dibattitu. Għal mistoqsijiet orali mressqa minn gruppi politiċi jew minn Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx, kull awtur jingħata żewġ minuti biex jitkellem.

Membru maħtur minn qabel mill-interpellanti għandu jressaq il-mistoqsija fil-Parlament. Jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti, il-mistoqsija taqa'. Dibattitu dwar mistoqsija orali waħda jew aktar jista' jingħalaq permezz ta' riżoluzzjoni.

**Dibattiti dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (l-Artikolu 150)**

Darba fix-xahar, nhar ta' Erbgħa fi Strasburgu, il-Parlament jorganizza dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. Jintgħażlu tliet suġġetti kull darba. Suġġett ma jistax jiġi inkluż fl-aġenda għal dan it-tip ta' dibattitu jekk ikun diġà fl-aġenda għas-sessjoni parzjali. It-tul totali tad-dibattiti m'għandux ikun ta' aktar minn 60 minuta. Id-dibattiti jistgħu jingħalqu b'mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, imressqa minn kumitat, grupp politiku jew Membri li jilħqu mill-inqas il-livell baxx.

Id-dibattiti jibdew b'interventi mill-awturi tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, li jingħataw minuta kull wieħed biex jitkellmu. Imbagħad jitkellmu l-kelliema f'isem il-gruppi. Għal interventi "catch-the-eye" jiġu allokati żewġ minuti għal kull dibattitu. Id-dibattiti jingħalqu mill-Kummissjoni.

**Interpellanzi maġġuri għal tweġiba bil-miktub (l-Artikolu 145)**

L-interpellanzi maġġuri huma mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub indirizzati minn grupp politiku lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Malli tasal it-tweġiba bil-miktub, jekk il-Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju jitolbu dan, l-interpellanza maġġuri għandha titqiegħed fuq l-abbozz tal-aġenda definittiv tal-Parlament.

Jekk id-destinatarju jonqos milli jwieġeb l-interpellanza maġġuri fi żmien sitt ġimgħat minn meta tiġi mgħoddija lilu, l-interpellanza għandha, fuq talba tal-awtur, titqiegħed fuq l-abbozz tal-aġenda finali tal-Parlament.

In-numru ta' interpellanzi maġġuri diskussi matul l-istess sessjoni parzjali m'għandux ikun aktar minn tlieta. Jekk jintalbu dibattiti għal aktar minn tliet interpellanzi maġġuri matul l-istess sessjoni parzjali, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinkludihom fl-abbozz finali tal-aġenda fl-ordni li fih tkun irċeviet dawk it-talbiet għal dibattitu.

Membru maħtur minn qabel mill-awtur, jew minn dawk li jitolbu d-dibattitu, għandu jressaq l-interpellanza maġġuri fil-Parlament. Jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti, l-interpellanza maġġuri taqa'. L-awtur jingħata żewġ minuti biex jitkellem.

L-għadd totali ta' interpellanzi maġġuri huwa limitat għal massimu ta' 30 fis-sena, imqassma b'mod ekwu fost il-gruppi politiċi, u l-ebda grupp politiku m'għandu jissottometti aktar minn waħda kull xahar.

**Dibattitu topiku (l-Artikolu 169)**

Waqt kull sessjoni parzjali jkun hemm perjodu wieħed jew żewġ perjodi b'dibattiti topiċi ta' siegħa dwar materja ta' interess maġġuri għall-politika tal-UE. Kull grupp għandu d-dritt jitlob tal-anqas dibattitu wieħed fis-sena. Il-Konferenza tal-Presidenti tiżgura distribuzzjoni ekwa.

Jekk maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa mill-Konferenza tal-Presidenti ma taqbilx mas-suġġett ta' dibattitu topiku, id-dibattitu ma jsirx.

Id-dibattitu jiġi introdott minn rappreżentant tal-grupp politiku li jkun ippropona l-materja topika, li jingħata erba' minuti biex jitkellem. Mhumiex permessi l-"catch-the-eye" u l-karti blu.

**Dibattitu straordinarju (l-Artikolu 168)**

L-Artikolu 168 jipprevedi l-organizzazzjoni ta' dibattitu straordinarju dwar kwistjoni ta' interess kbir, fuq talba ta' grupp politiku jew ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx. Dan id-dibattitu ma jistax idum iktar minn sittin minuta u jingħalaq mingħajr l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni.

*Fil-prattika, din id-dispożizzjoni rari ħafna tintuża.*

**Ħin għall-mistoqsijiet (l-Artikolu 143)**

Jista' jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet lil Kummissarju wieħed jew aktar f'kull sessjoni parzjali għal tul sa madwar 90 minuta dwar tema orizzontali speċifika waħda jew aktar minn waħda deċiżi minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti, u mhux aktar tard mill-Ħamis qabel is-sessjoni rilevanti. Il-Kummissarji mistiedna għandu jkollhom portafoll relatat mat-tema jew it-temi li jkunu se jsiru mistoqsijiet dwarhom.

Il-ħin għall-mistoqsijiet jista' jiġi organizzat ukoll mal-President tal-Kunsill Ewropew, mal-Presidenza tal-Kunsill, mal-President tal-Kummissjoni, mal-kulleġġ sħiħ ta' Kummissarji jew ma' kategoriji speċifiċi ta' Kummissarji, mal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, mal-President tal-Grupp tal-Euro u ma' kwalunkwe rappreżentant rilevanti ieħor tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni.

L-interventi tal-Membri matul il-ħin għall-mistoqsijiet ma għandhomx jiġu speċifikament allokati minn qabel. Il-President għandu jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li l-Membri li jkollhom fehmiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jingħataw l-opportunità li jagħmlu mistoqsija meta jmisshom. Il-mistoqsijiet u l-mistoqsijiet supplimentari jridu jkunu relatati direttament mat-tema orizzontali speċifika deċiża mill-Konferenza tal-Presidenti xahar qabel is-sessjoni parzjali. Il-President jista' jiddeċiedi dwar l-ammissibilità tagħhom.

Il-Membru jkollu minuta biex jagħmel il-mistoqsija u l-Kummissarju jkollu żewġ minuti biex iwieġeb. Dak il-Membru jista' jagħmel mistoqsija supplimentari ta' 30 sekonda li jkollha rilevanza diretta mal-mistoqsija prinċipali. Il-Kummissarju jkollu żewġ minuti li fihom ikun jista' jagħti tweġiba supplimentari. Fil-prattika, il-mistoqsija ta' segwitu hija permessa għall-ewwel ċiklu ta' kelliema tal-gruppi politiċi.

**Sessjoni ta' skrutinju speċjali (l-Artikolu 143 - il-paragrafu 2)**

Bħala regola ġenerali, darba kull sessjoni parzjali, fil-Parlament issir sessjoni ta' skrutinju speċjali mal-President tal-Kummissjoni jew mal-Kummissarji magħżula mingħajr tema definita minn qabel.

**Seduti ta' smigħ pubbliku u dibattiti dwar inizjattivi taċ-ċittadini (l-Artikolu 228)**

Il-Parlament għandu jorganizza dibattitu fil-plenarja dwar kull inizjattiva taċ-ċittadini ppubblikata fir-reġistru tal-Kummissjoni, ladarba s-seduta ta' smigħ pubbliku tkun saret. Dak id-dibattitu jista' jingħalaq permezz ta' riżoluzzjoni.

## 4.2 PROĊEDURI FID-DIBATTITI

**"Catch-the-eye" (l-Artikolu 178(7))**

Bil-ħsieb li jiżdiedu l-ispontanjetà tad-dibattiti u l-parteċipazzjoni tal-Membri, jiġi allokat perjodu għal interventi qosra mill-Membri skont il-proċedura "catch-the-eye". Dan isir qabel ma jintemmu l-interventi mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mir-rapporteur(s) (jekk ikun il-każ).

L-aġenda talloka perjodu ta' ħames minuti għall-proċedura "catch-the-eye", iżda dan il-perjodu jista' jitqassar jew jittawwal mill-President skont l-Artikolu 178, abbażi tal-ħin kumplessiv disponibbli u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 178(7) abbażi ta' deċiżjoni meħuda mill-Konferenza tal-Presidenti.

Il-Membri li jixtiequ jitkellmu skont din il-proċedura għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-President billi jgħollu idhom jew billi jużaw is-sistema elettronika. Normalment tingħata prijorità lill-Membri li kienu preżenti matul id-dibattitu kollu u li ma jkunux tkellmu matul id-dibattitu jew fis-slot ta' ħin meta jsir id-dibattitu.

Ġeneralment, il-President ifittex li jiżgura li l-"catch-the-eye" tkun bilanċjata u li l-gruppi politiċi u n-nazzjonalitajiet differenti jkollhom ċans jitkellmu.

Meta tiġi biex tadotta l-abbozz ta' aġenda definittiv, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tagħmel eċċezzjoni u tiddeċiedi li dibattitu jkun limitat għal ċiklu wieħed ta' kelliema tal-gruppi politiċi, mingħajr ma jkunu previsti "catch-the-eye" jew karti blu.

**Karta blu (l-Artikolu 178(10))**

Il-President jista' jagħti l-kelma lill-Membri li juru, billi jgħollu karta blu jew billi jużaw is-sistema elettronika, ix-xewqa tagħhom li jressqu mistoqsija ta' mhux aktar minn nofs minuta lil Membru ieħor waqt id-diskors tiegħu u meta l-President ikun sodisfatt li dan ma jkun la se jfixkel id-dibattitu u lanqas ma jwassal għal żbilanċ drastiku fl-affinitajiet tal-grupp politiku ta' Membri li jitkellmu f'dak id-dibattitu.

Meta Membru jgħolli l-karta l-blu tiegħu, il-President, jekk iqis li dan ikun xieraq, għandu jistaqsi lill-kelliem, normalment fi tmiem l-intervent tiegħu, jekk hux lest li jieħu l-mistoqsija qabel ma jagħti l-opportunità lill-kelliem bil-karta l-blu jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-mistoqsija karta blu għandha tkun marbuta ma' dak li jkun qal il-Membru. Il-Membru li jgħolli l-karta blu għandu 30 sekonda biex jagħmel mistoqsija u l-kelliem għandu 30 sekonda biex iwieġbu. Il-Membri m'għandhomx ikunu mill-istess grupp politiku. Il-President jista' jippermetti wkoll mistoqsija u tweġiba ta' segwitu. Kelliem jista' jiġi interrott minn aktar minn Membru wieħed li juri l-karta blu, skont id-diskrezzjoni tal-President. Membru jista' jagħmel aktar minn talba waħda b'karta blu waqt dibattitu; huwa l-President li jiddeċiedi jekk jilqax it-talba jew le.

Ma jistgħux jitressqu mistoqsijiet skont il-proċedura tal-karta blu lir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet l-oħra.

Meta tiġi biex tadotta l-abbozz ta' aġenda finali, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tagħmel eċċezzjoni u tiddeċiedi li dibattitu jkun limitat għal rawnd wieħed ta' kelliema tal-gruppi politiċi, mingħajr ma jkunu previsti l-proċedura "catch-the-eye" u l-karti blu.

## 4.3 INTERVENTI FIL-PLENARJA

Il-Membri li jkunu jixtiequ jitkellmu f'dibattitu fuq l-aġenda tal-plenarja għandhom jitolbu lill-grupp politiku tagħhom jallokalhom ħin biex jitkellmu. Alternattivament, jistgħu jitolbu li jitkellmu skont il-proċedura "catch-the-eye" (ara 4.2).

Il-Membri li ma jkunux tkellmu waqt xi dibattitu jistgħu, għal mhux iżjed minn darba f'kull sessjoni parzjali, jippreżentaw stqarrija bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma, li għandha tiġi annessa mar-rapport verbatim tad-dibattitu (l-Artikolu 178(13)).

**Kelliema**

Il-membri jitkellmu mir-rostru ċentrali, sakemm il-President ma jiddeċidix mod ieħor meta jkun xieraq. Kelliema b'diżabilità jistgħu jitkellmu minn posthom jekk jippreferu. Għall-interventi l-oħra kollha, il-Membri għandhom jitkellmu minn posthom.

Bħala regola ġenerali, il-Membri għandhom ikunu preżenti għad-dibattitu li fih ikunu skedati li jitkellmu jew li fih jixtiequ jitkellmu.

**Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi u lista tal-kelliema (l-Artikolu 178)**

Il-ħin għad-diskorsi jiġi stabbilit għas-sessjoni parzjali kollha kemm hi u jkun indikat fl-aġenda tas-sessjoni parzjali. Din l-informazzjoni tintuża mill-gruppi politiċi meta jqassmu l-ħin għad-diskorsi u jħejju l-lista tal-kelliema tagħhom.

L-allokazzjoni tal-ħin għad-diskorsi fil-plenarja għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Membri b'diżabilità jista' jkollhom bżonn aktar ħin.
L-ordni tal-kelliema tvarja skont it-tip ta' dibattitu, kif muri fit-Tabella li ġejja.

**Tabella 1:** Struttura ġenerali tad-dibattiti f'seduta plenarja

<table>
<tr><td colspan="6">Dibattitu dwar rapport (proċedura leġiżlattiva ordinarja, proċedura ta' approvazzjoni, proċedura ta' konsultazzjoni u rapporti fuq inizjattiva proprja)</td></tr>
<tr><td colspan="6">1. Ir-rapporteur(s)<br>2. Il-Kunsill jew il-VPK/RGħ (meta preżenti)<br>3. Il-Kummissjoni[1]<br>4. Ir-Rapporteurs għal opinjoni<br>5. Kelliema oħrajn fuq il-lista tal-kelliema<br>6. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>7. Il-Kummissjoni<br>8. Il-Kunsill jew il-VPK/RGħ (meta preżenti)<br>9. Ir-rapporteur(s)</td></tr>
<tr><td colspan="6">Każijiet ta' dibattiti speċjali dwar rapporti</td></tr>
<tr><td colspan="2">Rapporti annwali ta' istituzzjonijiet oħra (l-Artikolu 148)</td><td colspan="2">Preżentazzjonijiet qosra</td><td colspan="2">Emenda għar-Regoli ta' Proċedura (REG)[2]</td></tr>
<tr><td colspan="2">1. Ir-Rapporteur<br>2. L-istituzzjoni mistiedna<br>3. Possibilment, il-Kummissjoni<br>4. Ir-Rapporteurs għal opinjoni<br>5. Kelliema oħrajn fuq il-lista tal-kelliema<br>6. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>7. Il-Kummissjoni<br>8. Ir-Rapporteur</td><td colspan="2">1. Ir-Rapporteur<br>2. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>3. Il-Kummissjoni</td><td colspan="2">1. Ir-Rapporteur<br>2. Il-kelliema fil-lista tal-kelliema<br>3. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>4. Ir-Rapporteur</td></tr>
<tr><td colspan="6">Proċeduri oħra</td></tr>
<tr><td>Dikjarazzjonijiet tal-Parlament (l-Artikolu 167)</td><td>Il-Kunsill Ewropew / il-Kunsill / il-VP/RGħ / dikjarazzjoni(jiet) tal-Kummissjoni (l-Artikolu 136)</td><td>Mistoqsija/mistoqsijiet għal tweġiba orali (l-Artikolu 142)</td><td>Dibattiti dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (l-Artikolu 150)</td><td>Dibattitu topiku (l-Artikolu 169)</td><td>Interpellanzi maġġuri għal tweġiba bil-miktub (l-Artikolu 145):</td></tr>
<tr><td></td><td>1. L-istituzzjoni(jiet) konċernata/i<br>2. Il-kelliema fil-lista tal-kelliema<br>3. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>4. L-istituzzjoni(jiet) konċernata/i<br>5. Possibilment rawnd wieħed ta' kelliema f'ordni kuntrarju</td><td>1. L-awtur(i) tal-mistoqsija/mistoqsijiet orali<br>2. L-istituzzjoni(jiet) konċernata/i<br>3. Il-kelliema fil-lista tal-kelliema<br>4. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>5. L-istituzzjoni(jiet) konċernata/i</td><td>1. L-awturi tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni<br>2. Il-kelliema fil-lista tal-kelliema<br>3. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>4. Il-Kummissjoni</td><td>1. Il-kelliem f'isem il-grupp politiku li jitlob id-dibattitu topiku<br>2. Il-Kunsill (meta jkun preżenti)<br>3. Il-Kummissjoni (meta tkun preżenti)<br>4. Kelliema oħrajn fuq il-lista tal-kelliema</td><td>1. L-awtur(i) tal-interpellanza maġġuri<br>2. L-istituzzjoni(jiet) konċernata/i<br>3. Il-kelliema fil-lista tal-kelliema<br>4. Il-proċedura "catch-the-eye"<br>5. L-istituzzjoni(jiet) konċernata/i</td></tr>
</table>

[1] Fid-dibattitu dwar xi rapport, il-Kummissjoni u l-Kunsill jinstemgħu, bħala regola, eżatt wara li jiġi ppreżentat mir-rapporteur(s). Il-Kummissjoni, il-Kunsill u r-rapporteur(s) jistgħu jerġgħu jintervjenu fi tmiem id-dibattitu, b'mod partikolari biex iwieġbu għall-istqarrijiet magħmula mill-Membri.

2 B'mod ġenerali, la l-Kunsill u lanqas il-Kummissjoni ma jintervjenu f'dan it-tip ta' dibattitu

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 5. Il-Kummissjoni (meta tkun preżenti)<br>8. Il-Kunsill (meta jkun preżenti) | |

**Prinċipji ġenerali**

1. Il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-VP/RGħ, il-Kummissjoni, u l-istituzzjonijiet mistiedna huma mitluba jirrispettaw il-limitu tal-ħin allokat lilhom fl-aġenda.

2. M'hemmx proċedura "catch the eye" jew mistoqsijiet "karta blu" f'dibattiti li għalihom l-aġenda tipprevedi rawnd wieħed ta' kelliema.

Il-ħin massimu għad-diskorsi normalment ikun kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-rapporteur(s) | | **6' (4'+2')** |
| Ir-Rapporteur(s) (Preżentazzjonijiet qosra) | | **4'** |
| Ir-Rapporteur(s) għal opinjoni(jiet) | | **1'** |
| L-awtur ta' mistoqsija orali:<br>- f'isem kumitat<br>- f'isem grupp politiku, jew għadd ta' membri li jilħqu tal-inqas il-limitu l-baxx | | <br>**5'**<br>**2'** |
| L-awtur ta' interpellanza maġġuri | | **2'** |
| Il-proċedura "catch-the-eye" | | **1'** |
| Spjegazzjoni tal-vot<br>- f'isem grupp<br>- f'isem il-Membru stess | Artikolu 201 | <br>**2'**<br>**1'** |
| Mozzjoni ta' proċedura | Artikolu 203 | **1'** |
| Punt ta' ordni | Artikolu 202 | **1'** |
| Stqarrija personali | Artikolu 180 | **3'** |

**Diskorsi ta' minuta (l-Artikolu 179)**

Għal perjodu ta' mhux aktar minn 30 minuta matul l-ewwel seduta ta' kull sessjoni parzjali, u skont il-lista mħejjija mill-Unità tal-Iżvolġiment u s-Segwitu tas-Seduta Plenarja, il-President isejjaħ lill-Membri li jkunu jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni tal-Parlament dwar xi materja ta' importanza politika sabiex jitkellmu għal massimu ta' minuta kull wieħed.

Ma jistgħux jitressqu mistoqsijiet skont il-proċedura tal-karta blu matul id-diskorsi ta' minuta.

**Stqarrijiet personali (l-Artikolu 180)**

Membru li jitlob li jagħmel stqarrija personali għandu jinstema' fit-tmiem tad-dibattitu jew meta l-minuti tas-seduta li għaliha tirreferi t-talba għal permess biex jitkellem jiġu kkunsidrati għall-approvazzjoni.

Il-Membru kkonċernat ma jistax jitkellem dwar affarijiet sostantivi marbuta mad-dibattitu imma għandu jillimita l-osservazzjonijiet tiegħu sabiex jirribatti xi kummenti li jkunu saru dwar il-persuna tiegħu matul id-dibattitu jew opinjonijiet li jkunu ġew attribwiti lilu, jew sabiex jikkoreġi osservazzjonijiet li jkun għamel hu stess.

Il-ħin tad-diskors ma' jistax idum iktar minn tliet minuti (ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor).

**Mozzjonijiet ta' proċedura (l-Artikolu 203)**

Talbiet sabiex jitressqu mozzjonijiet ta' proċedura, jiġifieri:

- biex isir riferiment lura lill-Kumitat (l-Artikolu 204);
- biex jingħalaq dibattitu (l-Artikolu 205);
- biex isir aġġornament ta' dibattitu jew ta' votazzjoni (l-Artikolu 206);
- biex isiru sospensjoni jew għeluq tas-seduta (l-Artikolu 207).

għandhom jingħataw preċedenza fuq talbiet sabiex tingħata l-kelma.

Dwar dawn il-mozzjonijiet jistgħu jinstemgħu biss il-persuni li jkunu ressquhom u dawn li ġejjin: kelliem wieħed kontra u l-president jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux jeċċedi l-minuta.

### Interpretazzjoni tad-dibattiti fil-plenarja (l-Artikolu 174)

Id-dibattiti fil-plenarja jiġu interpretati simultanjament bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

Jekk kelliem juża lingwa li ma tkunx waħda uffiċjali, id-diskors ma jiġix interpretat u ma jiġix inkluż fir-rapport verbatim tad-dibattiti.

Il-kelliema jistgħu jipprovdu minn qabel it-test tad-diskors li jkunu se jagħmlu fil-plenarja.

Numri tal-kabini ta' interpretazzjoni u tal-kanali tal-awdjo:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 DE<br>Ġermaniż | 2 EN<br>Ingliż | 3 FR<br>Franċiż | 4 IT<br>Taljan | 5 NL<br>Olandiż | 6 DA<br>Daniż | 7 EL<br>Grieg |
| 8 ES<br>Spanjol | 9 PT<br>Portugiż | 10 SU<br>Finlandiż | 11 SV<br>Żvediż | 12 CS<br>Ċek | 13 ET<br>Estonjan | 14 LV<br>Latvjan |
| 15 LT<br>Litwan | 16 HU<br>Ungeriż | 17 MT<br>Malti | 18 PL<br>Pollakk | 19 SK<br>Slovakk | 20 SL<br>Sloven | 21 BG<br>Bulgaru |
| 22 RO<br>Rumen | 23 GA<br>Irlandiż | 24 HR<br>Kroat | | | | |

## 4.4 IMĠIBA FIL-KAMRA

**Standards ta' kondotta (l-Artikolu 10)**

Skont l-Artikolu 10, il-kondotta tal-Membri għandha tkun ikkaratterizzata minn rispett reċiproku, ibbażata fuq il-valuri u l-prinċipji stabbiliti fit-Trattati, u b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-Membri għandhom jirrispettaw id-dinjità tal-Parlament u m'għandhomx jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, m'għandhomx jikkompromettu l-andament bla xkiel tal-ħidma parlamentari, il-manutenzjoni tas-sigurtà u l-ordni tal-bini tal-Parlament jew il-funzjonament tal-apparat tal-Parlament.

Huma m'għandhomx ifixklu l-bon ordni tal-Kamra u għandhom joqogħdu lura minn imġiba mhux xierqa. M'għandhomx juru strixxuni. Fid-dibattiti parlamentari, il-Membri m'għandhomx jirrikorru għal lingwaġġ offensiv.

L-applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura m'għandhiex tnaqqas mill-vivaċità tad-dibattiti parlamentari bi kwalunkwe mod ieħor, u l-anqas m'għandha tippreġudika l-libertà tal-kelma tal-Membri.

Il-Membri għandhom iżommu lura minn kull tip ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali u għandhom jirrispettaw il-Kodiċi ta' Mġiba Xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijiethom li huma mehmuża mar-Regoli ta' Proċedura.

Sejħa għall-ordni (**l-Artikolu 182**)

Il-President isejjaħ għall-ordni kwalunkwe Membru li jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 10 fir-rigward tal-istandards ta' kondotta.

Jekk dan il-ksur jirrepeti ruħu, il-President għandu għal darb'oħra jerġa' jsejjaħ lill-Membru għall-ordni, u l-fatt għandu jiġi rrappurtat fil-minuti.

Jekk il-ksur ikompli jew jekk isir ksur ieħor, il-President jista' jċaħħad lill-Membru kkonċernat id-dritt li jitkellem u jkeċċih mill-Kamra għall-bqija tas-seduta.

Jekk it-tfixkil jhedded li jostakola l-ħidma tal-Kamra, il-President għandu jagħlaq jew jissospendi s-seduta għal żmien speċifiku sabiex jerġa' jġib l-ordni.

Il-President jista' jiddeċiedi li jinterrompi x-xandir dirett tas-seduta f'każ ta' ksur tal-Artikolu 10 minn Membru u jista' jordna t-tħassir mir-rekord awdjoviżiv tal-proċedimenti tal-partijiet ta' diskors ta' Membru li jikser l-Artikolu 10.

**Sanzjonijiet (l-Artikolu 183)**

F'każijiet serji ta' ksur tal-Artikolu 10, il-President, wara li jkun stieden lill-Membru kkonċernat biex jippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub (jew wara seduta orali), għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistabbilixxi s-sanzjoni xierqa. Is-sanzjoni tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat qabel ma titħabbar fil-plenarja.

Waqt il-valutazzjoni tal-imġiba osservata, għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha, kif ukoll is-serjetà tagħha u, jekk applikabbli, il-ħsara li tista' tkun saret lid-dinjità u lir-reputazzjoni tal-Parlament.

Is-sanzjoni tista' tikkonsisti, fost l-oħrajn, minn sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha tal-Parlament jew uħud minnhom mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-vot fil-plenarja.

# 5 – ORGANIZZAZZJONI U TMEXXIJA TAL-VOTAZZJONI

Il-votazzjonijiet fil-plenarja jsiru wara d-dibattiti, ġeneralment għall-ħabta ta' nofsinhar. Għandu jitqies li ntlaħaq kworum meta terz tal-Membri jkunu preżenti fil-Kamra.

Bħala regola ġenerali, l-Parlament jivvota b'turija tal-idejn. F'każijiet ta' dubju, il-President isejjaħ għal votazzjoni bl-użu tas-sistema ta' votazzjoni elettronika.

Fl-aħħar tas-seduta, dawk il-Membri li jkunu jixtiequ, jistgħu jitkellmu biex jagħtu spjegazzjoni tal-vot.

## 5.1 EMENDI

Emenda tista' tfittex li tibdel parti minn test (mozzjoni għal riżoluzzjoni, proposta għal deċiżjoni jew proposta leġiżlattiva) u b'hekk jitħassru, jiżdiedu jew jiġu sostitwiti kliem jew ċifri f'dan it-test. Emenda għandha tissodisfa ċerti kriterji ta' ammissibilità.

L-emendi jiġu ppreżentati f'kolonni (bit-test il-ġdid propost fuq il-lemin).

B'mod ġenerali, huma biss il-kumitat(i) responsabbli, grupp politiku, jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx li jistgħu jressqu emendi għal kunsiderazzjoni fil-plenarja (l-Artikolu 187).

L-emendi jridu jiġu ffirmati mill-awturi tagħhom u jitressqu lid-dipartiment xieraq tal-Parlament (l-Unità tat-Tressiq tad-Dokumenti). L-Unità tat-Tressiq tad-Dokumenti hija responsabbli mill-koordinament u t-trattament ta' emendi minn meta jitressqu sa meta ssir votazzjoni fuqhom.

Ara wkoll "Skadenzi għat-tressiq ta' emendi" (fit-Taqsima 2.3. "Skadenzi").

Wara li jkunu ġew iċċekkjati mid-Direttorat għall-Atti Leġiżlattivi (il-Ġuristi Lingwisti), l-emendi ta' kumitat responsabbli jiġu ppubblikati qabel il-votazzjoni plenarja u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni permezz tal-paġna web tal-Plenarja.

### Emendi ta' kompromess (l-Artikolu 188(4))

Il-President jista' jaċċetta emenda mressqa wara l-iskadenza għat-tressiq ta' emendi jekk jikkunsidraha emenda ta' kompromess.

Meta jagħmel dan, huwa jista' jqis il-kriterji ġenerali li ġejjin:

- l-emendi ta' kompromess jirrelataw ma' partijiet fit-test li dwarhom ikunu tressqu emendi qabel ma jkun skada ż-żmien;
- l-emendi ta' kompromess jitressqu minn gruppi politiċi li jirrappreżentaw maġġoranza fil-Parlament, mill-Presidenti jew mir-rapporteurs f'isem il-kumitati kkonċernati jew l-awturi ta' emendi oħra;
- jekk ikun hemm emendi ta' kompromess, emendi oħra għall-istess silta tat-test jiġu rtirati.

Il-President biss jista' jipproponi li emenda ta' kompromess tiġi kkunsidrata. Il-President jeħtieġlu jikseb il-kunsens tal-Parlament billi jistaqsi jekk hemmx oġġezzjonijiet għall-votazzjoni fuq l-emendi. Jekk issir oġġezzjoni, il-plenarja tiddeċiedi b'maġġoranza ta' voti mitfugħa jekk issirx votazzjoni fuq emenda ta' kompromess.

### Preżentazzjoni u tressiq ta' emendi (l-Artikolu 187)

Il-Kumitat responsabbli, grupp politiku, jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx (wieħed minn kull għoxrin Membru komponenti tal-Parlament) jistgħu jressqu emendi biex jiġu eżaminati fil-plenarja. Għal ċerti proċeduri japplikaw dispożizzjonijiet speċjali (eż. l-Artikolu 55(4)).

L-emendi jridu jitressqu bil-miktub u jridu jkunu ffirmati mill-awturi tagħhom. L-iskadenza għat-tressiq tal-emendi tiġi stipulata mill-President.

Emenda tista' titressaq waqt id-dibattitu mill-awtur tagħha jew minn kwalunkwe Membru ieħor maħtur mill-awtur sabiex jissostitwih.

Bħala regola ġenerali, emenda ma tistax issir votazzjoni fuqha jekk ma tkunx tpoġġiet għad-dispożizzjoni bil-lingwi uffiċjali kollha. Il-Parlament, madankollu, jista' jiddeċiedi b'maġġoranza ta' voti mitfugħa li ssir votazzjoni fuq tali emenda imma bil-kundizzjoni biss li ma jkun hemm ebda oppożizzjoni minn 39 Membru jew, jekk ikun hemm inqas minn 100 Membru preżenti, wieħed minn kull għaxar Membri preżenti.

Grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva għal mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva li tkun f'xi rapport ta' xi kumitat (l-Artikolu 188(3)). F'dan il-każ l-awturi ma jistgħux iressqu emendi għall-istess test. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva ma tistax tkun itwal mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat. Għandha tittieħed votazzjoni waħdanija fuqha fil-Parlament.

Dispożizzjonijiet speċjali jkopru t-tressiq ta' emendi għal rapporti fuq inizjattiva proprja skont l-Artikolu 55(4). L-emendi jkunu ammissibbli biss jekk jitressqu minn Membri individwali li jirrappreżentaw wieħed minn kull għaxra. Ir-rapporteur jista' jressaq emendi biex iqis l-informazzjoni l-ġdida li tasal wara l-adozzjoni tat-test mill-kumitat responsabbli.

**Kunsiderazzjoni tal-emendi tal-plenarja fil-kumitat (l-Artikolu 191)**

Meta jitressqu aktar minn ħamsin emenda jew talba għal votazzjoni maqsuma jew separata għal rapport li jkun qed jiġi eżaminat mill-plenarja, il-President jista' jitlob lill-kumitat responsabbli jiltaqa' biex jeżamina kull waħda minn dawk l-emendi jew it-talbiet. Kwalunkwe emenda jew talba għal votazzjoni maqsuma jew separata li ma tirċevix voti favorevoli f'dan l-istadju minn mhux anqas minn terz tal-membri tal-kumitat ma jitteħidx vot fuqha.

**Ordni tal-votazzjoni fuq l-emendi (l-Artikolu 190)**

Ir-Regoli ta' Proċedura jistipulaw l-ordni li bih emendi mressqa ssir votazzjoni fuqhom fil-plenarja.

Bl-assistenza tad-dipartiment responsabbli tal-Parlament (l-Unità tat-Tressiq tad-Dokumenti), il-President ifassal lista tal-votazzjoni għal kull test li għalih tkun tpoġġiet votazzjoni fuq l-aġenda.

Jekk jitressqu żewġ emendi jew iżjed għall-istess parti ta' xi test li jkunu jeskludu lil xulxin, l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali tieħu prijorità u jittieħed vot fuqha l-ewwel. Jekk tiġi adottata, l-emendi l-oħra jaqgħu. Jekk tiġi miċħuda, l-emenda li jkun imiss fil-prijorità jittieħed vot fuqha, u kull waħda mill-emendi li jkun fadal tiġi ttrattata bl-istess mod.

Fejn ikun hemm dubju dwar il-prijorità, jiddeċiedi l-President. Jekk l-emendi kollha jiġu miċħuda, it-test oriġinali jitqies bħala adottat ħlief fil-każ li tkun intalbet votazzjoni separata fiż-żmien speċifikat. Madankollu, meta dan jiffaċilita l-votazzjoni, il-President jista' l-ewwel iressaq it-test oriġinali għall-votazzjoni jew, qabel ma ssir votazzjoni fuq l-emenda li titbiegħed l-aktar mit-test oriġinali, iqiegħed għall-votazzjoni emenda li tkun eqreb lejn it-test oriġinali.

Meta tiġi adottata emenda, emendi oħra inkompatibbli relatati mal-istess parti tat-test jaqgħu. Bħala regola ġenerali, l-emendi jiskadu jekk ikunu inkonsistenti ma' votazzjoni preċedenti.

**Emendi identiċi**

Żewġ emendi identiċi jew iktar li jitressqu minn awturi differenti jittieħed vot fuqhom bħala emenda waħda.

**Ġustifikazzjonijiet għall-emendi**

Emendi għal dokumenti leġiżlattivi jistgħu jkunu akkumpanjati minn ġustifikazzjonijiet qosra. Dawn il-ġustifikazzjonijiet huma maħsuba biss biex jiċċaraw l-intenzjonijiet tal-awtur. Huma jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-awtur tagħhom u ma jitqegħdux għall-vot.

Ma jistgħux isiru ġustifikazzjonijiet meta l-emendi jkunu relatati ma' testi mhux leġiżlattivi.

**Emendi orali**

F'każijiet eċċezzjonali, l-emendi jistgħu jitressqu oralment fis-seduta plenarja qabel ma t-test inkwistjoni jitqiegħed għall-vot. Madankollu, peress li r-Regoli ta' Proċedura (l-Artikolu 187(6)) jipprovdu li emendi

jistgħu jitqiegħdu għall-votazzjoni biss wara li jkunu disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha, sakemm il-Parlament ma jiddeċidix mod ieħor, il-President tas-seduta huwa obbligat jikkonsulta l-Kamra dwar jekk emenda orali għandhiex tiġi kkunsidrata. Jekk tal-anqas 39 Membru joġġezzjonaw, l-emenda orali ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata.

**Proċedura f'sessjoni plenarja mingħajr emendi (l-Artikolu 165)**

Kwalunkwe proposta leġiżlattiva (fl-ewwel qari) jew kwalunkwe mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva li tiġi adottata fil-kumitat b'anqas minn wieħed minn kull għaxar membri tal-kumitat li jivvutaw kontriha għandha titqiegħed fl-abbozz tal-aġenda tal-Parlament għall-adozzjoni mingħajr emendi.

Punt li jittieħed mingħajr emendi jiġi ttrattat b'votazzjoni waħdanija sakemm, qabel jitħejja l-aħħar abbozz tal-aġenda, gruppi politiċi jew Membri individwali, li flimkien jirrappreżentaw wieħed minn kull għaxar Membri tal-Parlament, ikunu talbu permess bil-miktub biex iressqu emendi. F'dan il-każ, il-President għandu jistipula skadenza għat-tressiq tal-emendi.

Meta tkun qed tiffinalizza aġenda ta' sessjoni parzjali, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tipproponi li punti oħra jkunu eżaminati mingħajr emendi. Meta jkun qed jadotta l-aġenda tiegħu, il-Parlament jista' ma jaċċettax tali proposta jekk xi grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx ikunu qajmu oġġezzjonijiet bil-miktub tal-anqas siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali.

**Emendi – Proċedura simplifikata (l-Artikolu 52)**

Wara diskussjoni inizjali ta' proposta leġiżlattiva, il-president tal-kumitat ikkonċernat jista' jipproponi li l-proposta tiġi approvata mingħajr emenda. Sakemm il-membri jew grupp politiku jew gruppi li jirrappreżentaw tal-anqas wieħed minn kull għaxra tal-kumitat, il-president jissottometti rapport lill-Parlament li japprova l-proposta.

**Emendi – Ammissibilità (l-Artikoli 22 u 188)**

Il-kriterji tal-ammissibilità huma stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew. F'konformità mal-iżvilupp tal-proċedura leġiżlattiva, kriterji addizzjonali ta' ammissibilità japplikaw fit-tieni qari (l-Artikolu 69).

L-ebda emenda ma hija ammissibbli fit-tielet qari (l-Artikolu 79(3)).

Il-President jiddeċiedi jekk l-emendi jkunux ammissibbli. Id-deċiżjoni tiegħu mhijiex ibbażata esklużivament fuq id-dispożizzjonijiet relatati mal-inammissibilità, iżda fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regoli b'mod ġenerali. Id-deċiżjoni tiegħu hija finali.

Emenda li tkun ġiet dikjarata inammissibbli ma ssirx votazzjoni fuqha.

**Emendi – Irtirar (l-Artikolu 187(5))**

Emenda tista' tiġi rtirata qabel il-votazzjoni. F'dan il-każ, din għandha taqa' sakemm ma titteħidx minnufih minn parti oħra taħt l-istess kundizzjonijiet (mill-kumitat(i) responsabbli, minn grupp politiku jew minn Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx).

**Emendi – Tħassir**

Kwalunkwe emenda li tħassar parti minn test titqiegħed għall-votazzjoni qabel emendi oħra relatati mal-istess parti tat-test.

Jekk parti minn test tkun suġġett ta' emenda ta' tħassir, talbiet għal votazzjoni separata fuq dak it-test ma jkunux ammissibbli u kwalunkwe talba għal votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet trid tikkonċerna l-emenda ta' tħassir u mhux it-test oriġinali.

**Votazzjoni kollettiva fuq l-emendi (l-Artikolu 190)**

Votazzjoni fuq proposta leġiżlattiva għandha ssir abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli. Jekk il-kumitat ikun qabel fuq sett ta' emendi għat-test li jkun is-suġġett tar-rapport, l-

emendi inkwistjoni jitqiegħdu għall-votazzjoni kollettivament fil-Plenarja u jittieħdu l-ewwel fl-ordni ta' prijorità.

Jekk grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx ikunu talbu votazzjoni separata jew jekk jitressqu emendi inkompatibbli oħra għall-istess parti tat-test, l-emendi rilevanti tal-kumitat jitressqu għall-votazzjoni b'mod separat.

Il-President jista' jqiegħed emendi oħra għall-votazzjoni b'mod kollettiv meta dawn l-emendi jkunu komplementari. F'każijiet bħal dawn hu jsegwi l-istess proċedura stabbilita hawn fuq. Awturi ta' emendi bħal dawn jistgħu jipproponu votazzjonijiet kollettivi bħal dawn fuq l-emendi tagħhom stess.

Il-President jista' jiddeċiedi, wara l-adozzjoni jew iċ-ċaħda ta' emenda partikolari, li bosta emendi oħra li jkollhom kontenut jew għanijiet simili għandu jittieħed vot fuqhom kollettivament. Il-President jista' jitlob il-kunsens tal-Parlament qabel ma jagħmel dan. Tali sett ta' emendi jista' jkun relatat ma' partijiet differenti tat-test oriġinali.

## 5.2 ORGANIZZAZZJONI TAL-VOTAZZJONIJIET

### Is-servizz responsabbli

L-Unità tat-Tressiq tad-Dokumenti għandha r-responsabilità tas-sottomissjoni tat-testi mqiegħda għall-vot fil-Parlament u li tivverifika l-ammissibilità u l-konformità mar-regoli. Kwalunkwe diżgwid jiġi riferut lill-President tal-Parlament. Id-deċiżjoni tiegħu hija finali.

L-Unità tat-Tressiq tad-Dokumenti tħejji briefings lill-President u tippubblika wkoll fuq il-paġna web tal-Plenarja skedi tal-votazzjonijiet u listi ta' votazzjoni li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-votazzjoni. Qabel ma ssir il-votazzjoni, l-uffiċjal responsabbli jgħarraf lill-President u jinfurmah dwar kwalunkwe problema ta' proċedura u/jew ta' preżentazzjoni li tista' tirriżulta waqt il-votazzjoni.

### L-ordni tal-votazzjonijiet tal-punti mniżżla fl-aġenda

It-testi jitqiegħdu għall-vot fl-ordni stabbilit fl-iskeda tal-votazzjoni ppubblikata fil-paġna web tal-Plenarja.

### Listi tal-votazzjoni

Għal kull punt li jitqiegħed għall-vot titfassal lista tal-votazzjoni.

Lista inizjali tiġi ppubblikata mill-Uffiċċju tat-Tressiq tad-Dokumenti fil-paġna web tal-Plenarja wara li jkunu daħlu l-emendi. Hi tistabbilixxi l-ordni li fih l-emendi jkunu se jitressqu għall-vot. Malli jiskadi ż-żmien stipulat għas-sottomissjoni ta' talbiet għal votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet, votazzjoni separata u votazzjoni maqsuma, fuq il-paġna web tal-Plenarja tiġi ppubblikata verżjoni finali tal-lista tal-votazzjoni, inklużi d-dettalji ta' dawn it-talbiet.

### Interventi waqt il-ħin tal-votazzjoni (l-Artikoli 165 u 189(4))

L-ebda Membru ma jista' jingħata l-possibilità li jitkellem meta l-Parlament ikun qed jivvota. Il-President u r-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli biss jistgħu jindirizzaw lill-Kamra.

Meta punt ikun eżaminat mingħajr dibattitu, ir-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli jistgħu jagħmlu diskors ta' mhux iktar minn żewġ minuti immedjatament qabel ma jittieħed il-vot.

Membri oħra jista' jingħatalhom il-permess jitkellmu biex jiġbdu l-attenzjoni għal punti ta' ordni rigward il-votazzjoni.

Membru ma jistax jingħata l-possibilità li jitkellem sabiex jiġġustifika emendi taħt kunsiderazzjoni jew biex jerġa' jagħti bidu għal dibattitu fuq materji sostantivi.

### Kontestazzjonijiet dwar il-votazzjoni (l-Artikolu 200)

Il-President jista' – minn rajh jew fuq talba tal-Kamra – jitlob verifika tar-riżultat ta' votazzjoni b'turija tal-idejn bl-użu tas-sistema ta' votazzjoni elettronika.

Ir-riżultat tal-votazzjoni l-ewwel jintwera biss fuq l-iskrin tal-President. Ir-riżultat tal-votazzjoni jiġi vvalidat meta jitħabbar mill-President. Id-deċiżjoni tal-President hija finali.

**Votazzjoni elettronika (l-Artikolu 199)**

Il-votazzjonijiet elettroniċi jsiru bl-użu ta' smart card blu li mhijiex trasferibbli.

Il-Membri jistgħu jivvutaw minn kwalunkwe siġġu fil-Kamra permezz tad-dokument tal-vot (voting card) personali tagħhom.

Id-dokument tal-vot għandu jiddaħħal fis-slot tat-terminal fejn ipoġġi l-Membru b'tali mod li n-naħa fejn jidher isem il-Membru tkun tħares lejh. It-terminal imbagħad jixgħel.

Jekk id-dokument tal-vot ma jkunx iddaħħal kif suppost, jixgħel dawl isfar ta' twissija u fuq l-iskrin tidher animazzjoni bl-istruzzjonijiet.

Jekk id-dokument jiddaħħal kif suppost, fuq l-iskrin jidhru:
- in-numru tad-dokument
- isem il-Membru
- id-data ta' dakinhar.

Meta l-President iqiegħed mozzjoni għall-vot, il-Membri għandhom jagħfsu l-buttuna fuq it-terminal li tikkorrispondi mal-intenzjoni tal-vot tagħhom. Id-dawl relattiv imbagħad jixgħel fit-terminal:

| | | |
|---|---|---|
| buttuna tax-xellug | FAVUR | dawl AĦDAR |
| buttuna tan-nofs | ASTENSJONI | dawl ABJAD |
| buttuna tal-lemin | KONTRA | dawl AĦMAR |

F'każ ta' votazzjoni sigrieta, tixgħel biss bozza BLU sabiex tindika li l-Membru jkun ipparteċipa fil-votazzjoni.

Id-display juri informazzjoni dwar il-votazzjoni fil-forma ta' piktogrammi:
- is-suġġett tal-votazzjoni
- in-natura tal-votazzjoni: favur (+), kontra (-), astensjoni (0) f'każ ta' votazzjoni pubblika
  X f'każ ta' votazzjoni sigrieta
- it-tip ta' votazzjoni: sempliċi, b'sejħa tal-ismijiet jew sigrieta
- l-istatus tal-votazzjoni: miftuħa, magħluqa

Sakemm il-President iħabbar li l-votazzjoni tkun magħluqa, il-Membri jistgħu jbiddlu l-vot tagħhom billi jagħfsu buttuna oħra. Il-Membri jeħtiġilhom ma jneħħux id-dokument tal-vot tagħhom mis-slot sakemm il-President ikun iddikjara l-votazzjoni magħluqa. Inkella, il-vot tagħhom ma jiġix irreġistrat.

Il-President jivvaluta l-informazzjoni li tingħata mis-sistema tal-votazzjoni, jieħu nota tar-riżultat u jħabbru.

Wara li l-President iħabbar ir-riżultat, id-display fuq it-terminal u wieħed mill-iskrins il-kbar fil-Kamra juru r-riżultat tal-votazzjoni.

Waqt id-dibattiti, u barra mill-ħinijiet tal-votazzjoni, id-display juri l-informazzjoni li ġejja:
- is-suġġett tad-dibattitu
- l-isem tal-kelliem
- l-ismijiet tal-kelliema sussegwenti
- il-punti li jmiss tal-aġenda.

**Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet (l-Artikolu 197)**

Il-votazzjoni ssir b'sejħa tal-ismijiet jekk grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx ikunu talbu dan bil-miktub qabel l-iskadenza stipulata fl-iskeda tal-votazzjoni ppubblikata fuq il-paġna web tal-Plenarja. Il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet normalment issir permezz tas-sistema elettronika. Ir-riżultat tal-votazzjoni jiġi rreġistrat bl-isem u ppubblikat bħala anness mal-minuti tas-seduta.
Il-votazzjoni finali (jew waħdanija) dwar rapport dejjem issir b'sejħa tal-ismijiet (l-Artikolu 195). Dan ma japplikax għar-rapporti li jikkonċernaw proċeduri dwar l-immunità (l-Artikolu 9).

**Korrezzjonijiet ta' voti**

It-talbiet għall-korrezzjoni ta' vot għandhom isiru bil-fomm waqt is-seduta jew mibgħuta bil-miktub jew elettronikament* mill-Membri. Dawn jistgħu jikkonċernaw biss il-votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet.

*Il-membri jistgħu jibagħtu l-korrezzjonijiet tagħhom billi jużaw il-formola elettronika "Roll-call vote correction" fl-ispazju "Membri biss" fil-paġna web tal-Plenarja jew billi jibagħtu email lill-Unità tar-Rekords tal-Plenarja fuq corrvote@europarl.europa.eu.

Kwalunkwe talba għall-korrezzjoni ta' vot li ssir minn Membru għandha tiġi rreġistrata fil-lista tar-"riżultati ta' votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet", annessa mal-minuti tas-seduta, disponibbli wkoll fuq il-paġna web tal-Plenarja, iżda r-riżultat tal-votazzjoni ma jinbidilx.

**Limiti taż-żmien**

Korrezzjoni ta' voti tista' tiġi sottomessa sal-Ġimgħa f'nofsinhar tat-tieni ġimgħa wara s-sessjoni parzjali fi Strasburgu jew Brussell.

**Spjegazzjonijiet tal-vot (l-Artikolu 201)**

Kull Membru jista' jagħti spjegazzjonijiet orali dwar il-votazzjoni waħdanija u/jew finali fuq punt imressaq quddiem il-Parlament. Kull Membru jista' jagħti mhux iktar minn tliet spjegazzjonijiet tal-vot orali f'kull sessjoni parzjali.

Talbiet għal spjegazzjonijiet tal-vot orali għandhom jaslu għand l-Unità tal-Iżvolġiment u s-Segwitu tas-Seduta Plenarja qabel il-bidu tal-ispjegazzjoni tal-vot orali. Ebda talba għal spjegazzjoni tal-vot ma tiġi aċċettata wara li l-ewwel spjegazzjoni tal-vot għal dik is-seduta partikolari tkun inbdiet.

It-tul tad-diskors għall-ispjegazzjonijiet tal-vot orali hu ta' minuta jekk il-Membru jitkellem għalih innifsu u ta' żewġ minuti jekk il-Membru jitkellem f'isem grupp politiku.

Il-Membri jistgħu wkoll jgħaddu spjegazzjoni tal-vot bil-miktub f'mhux aktar minn 200 kelma li jiġu ppubblikati fuq il-paġni tal-Membri fis-sit web tal-Parlament. L-ispjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub jistgħu jintbagħtu mill-Membri lill-Unità tar-Rekords tal-Plenarja bl-użu tal-formola elettronika fl-ispazju "Membri biss" fuq il-paġna web tal-Plenarja. Jistgħu jintbagħtu wkoll bil-posta elettronika fuq ExplVote@europarl.europa.eu. L-iskadenza hija tmiem il-ġurnata tax-xogħol ta' nhar il-Ġimgħa tal-ġimgħa wara s-sessjonijiet parzjali fi Strasburgu u fi Brussell.

Mhumiex ammessi spjegazzjonijiet tal-vot fil-każ ta':
- votazzjonijiet sigrieti;
- kwistjonijiet proċedurali;
- riżoluzzjonijiet imressqa fil-kuntest ta' dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (l-Artikolu 150).

Għal punti mqiegħda fl-aġenda mingħajr dibattitu (l-Artikolu 165), l-ispjegazzjonijiet tal-vot jistgħu jsiru biss bil-miktub.

**Kworum (l-Artikolu 185)**

Għandu jitqies li jeżisti kworum meta terz tal-Membri komponenti tal-Parlament ikunu preżenti fil-Kamra.

Sakemm il-President – fuq talba li ssir qabel il-votazzjoni – ma jistabbilixxix li ma hemmx kworum, il-votazzjoni tkun valida jkun xi jkun in-numru ta' votanti.

Talba sabiex ikun ivverifikat il-kworum tista' ssir minn mhux anqas minn 39 Membru. Jekk l-għadd ta' Membri meħtieġ biex jintlaħaq il-kworum ma jkunx preżenti, il-President għandu jiddikjara li ma hemmx kworum. F'dan il-każ il-votazzjoni titpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jkun imiss.

**Maġġoranzi**

Sakemm it-Trattati u/jew ir-Regoli ta' Proċedura ma jiddisponux mod ieħor, id-deċiżjonijiet jiġu adottati b'maġġoranza tal-voti mitfugħa (favur jew kontra). Normalment din tissejjaħ maġġoranza "sempliċi".

Uħud mid-deċiżjonijiet, pereżempju emendi għall-Baġit, votazzjonijiet fit-tieni qari fi proċeduri leġiżlattivi u emendi għar-Regoli ta' Proċedura, jirrikjedu l-voti tal-maġġoranza tal-Membri komponenti tal-Parlament biex jiġu adottati. Normalment din tissejjaħ maġġoranza "kwalifikata".

Uħud mid-deċiżjonijiet, pereżempju skont l-Artikolu 21 jew l-Artikolu 89, biex jiġu adottati jirrikjedu l-voti tal-maġġoranza tal-Membri komponenti tal-Parlament kif ukoll żewġ terzi tal-voti mitfugħa (favur u kontra).

**Riżultati tal-votazzjonijiet**

Ir-riżultati tal-votazzjonijiet jiġu ppubblikati bħala anness mal-minuti tas-seduta. Dawn huma disponibbli wkoll mill-jum tal-votazzjoni fuq il-paġna web tal-Plenarja.

## 5.3 PROĊEDURA TAL-VOTAZZJONI

Din il-proċedura ta' votazzjoni tapplika fil-każ ta' rapporti:

a) l-ewwel, fejn applikabbli, votazzjoni fuq kwalunkwe emenda għall-proposta għal att legalment vinkolanti;
b) it-tieni, votazzjoni fuq dik il-proposta kollha kemm hi, emendata jew mhux;
c) it-tielet, votazzjoni fuq kwalunkwe emenda għal mozzjoni għal riżoluzzjoni jew għal abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva;
d) fl-aħħar nett, votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni sħiħa.

**Proċedura tal-votazzjoni – it-tieni qari (l-Artikoli 68, 69, u 70)**

Meta ma tkun tressqet ebda proposta biex il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tiġi miċħuda jew emendata, il-pożizzjoni komuni titqies li tkun ġiet approvata. Biex jiġu adottati, l-emendi fit-tieni qari jirrikjedu maġġoranza tal-Membri komponenti tal-Parlament.

Proposta għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni komuni titqiegħed għall-vot qabel il-votazzjoni fuq kwalunkwe emenda oħra. Fejn jitressqu bosta emendi għall-pożizzjoni komuni, dawn jitqiegħdu għall-vot fl-ordni stabbilit fl-Artikolu 190.

**Proċedura tal-votazzjoni – it-tielet qari (l-Artikolu 79)**

Għandha tittieħed votazzjoni waħdanija fuq it-test konġunt b'mod sħiħ. It-test konġunt ikun approvat jekk iġib il-maġġoranza tal-voti mitfugħa (maġġoranza sempliċi).

Ma tista' titressaq l-ebda emenda għat-test konġunt.

**Proċedura f'sessjoni plenarja mingħajr emendi (l-Artikolu 165)**

Kwalunkwe rapport adottat fil-kumitat b'anqas minn wieħed minn għaxra tal-membri tal-kumitat li jivvutaw kontra għandu, skont l-Artikolu 165, ikun suġġett għal votazzjoni waħdanija. Għalhekk ma jistgħux jitressqu emendi u lanqas talbiet għal votazzjonijiet separati jew maqsuma. Din il-votazzjoni waħdanija ssir b'sejħa tal-ismijiet (l-Artikolu 195).

**Proċedura mingħajr emendi u dibattiti**

Punti li jitpoġġew fuq l-aġenda tas-seduta huma suġġett għal dibattitu, minbarra dawk adottati f'konformità mal-proċedura simplifikata jew il-proċedura mingħajr dibattitu u mingħajr emendi (l-Artikoli 52 u 165).

**Mozzjoni għaċ-ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni fl-ewwel qari (l-Artikolu 60(2))**

Mozzjoni għaċ-ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni direttament titqiegħed għall-vot qabel kull emenda oħra. Il-mozzjoni tista' titressaq biss mill-kumitat(i) responsabbli, grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx.

Riferiment lura lill-kumitat (**l-Artikolu 204**)

Mozzjonijiet minn grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx u li jfittxu li jirreferu l-kwistjoni lura lill-kumitat jistgħu jinġiebu fi tliet stadji tal-proċedura:
- meta l-Parlament jistabbilixxi l-ordni tax-xogħol fil-bidu ta' sessjoni parzjali;
- qabel ma jinfetaħ id-dibattitu dwar il-punt inkwistjoni;
- waqt il-votazzjoni, fi kwalunkwe punt qabel il-votazzjoni finali.

Talba bħal din tista' ssir darba biss f'kull wieħed minn dawn it-tliet stadji.

Fil-każ tal-ewwel tnejn minn dawn l-istadji, l-intenzjoni li jsir riferiment lura lill-kumitat għandha tiġi notifikata tal-anqas erbgħa u għoxrin siegħa minn qabel lill-President, li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.

Ir-riferiment lura lill-kumitat iġib miegħu sospensjoni tad-diskussjoni dwar dak il-punt.

Ir-riferiment lura ma japplikax għal dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (l-Artikolu 150). Skont l-Artikoli 132 u 136, japplika biss għal testi mressqa minn kumitat.

**Aġġornament ta' votazzjoni (l-Artikolu 206)**

Grupp politiku jew Membri li tal-anqas jilħqu l-limitu l-baxx jistgħu wkoll iressqu mozzjoni biex votazzjoni tiġi aġġornata qabel jew waqt il-votazzjoni, u f'dan il-każ din il-mozzjoni titressaq għall-vot minnufih.

## 5.4 TIPI TA' VOTAZZJONIJIET

**Votazzjoni maqsuma (l-Artikolu 192)**

Votazzjoni maqsuma tfisser votazzjoni fuq emenda, artikolu jew paragrafu tat-test taħt eżami f'żewġ partijiet jew aktar.

Votazzjoni maqsuma tista' tintalab minn grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx. L-iskadenza għas-sottomissjoni ta' talbiet għal votazzjonijiet maqsuma tkun indikata fid-dokument ta' skeda tal-votazzjoni ppubblikat fit-taqsima tal-"votazzjonijiet" tas-sit web tal-plenarja tal-Parlament. Fil-każ tal-Artikolu 55, il-votazzjonijiet maqsuma jistgħu jitressqu minn tal-anqas wieħed minn kull għaxra tal-Membri.

**Votazzjoni separata (l-Artikolu 190)**

Meta l-kumitat responsabbli jkun ippreżenta għadd ta' emendi għal test li jikkonċerna r-rapport, il-President iressaqhom għal votazzjoni kollettivament, sakemm ma tintalabx votazzjoni separata jew sakemm ma jkunux tressqu emendi oħra (l-Artikolu 190(6)).

Votazzjoni separata tista' tikkonċerna wkoll paragrafu ta' riżoluzzjoni li jkun se jittieħed vot fuqha (l-Artikolu 189(1)(d)).

Votazzjoni separata tista' tintalab minn grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx. L-iskadenza għal talba bħal din tkun indikata fid-dokument ta' skeda tal-votazzjoni ppubblikat fit-taqsima tal-"votazzjonijiet" tas-sit web tal-plenarja tal-Parlament. Fil-każ tal-Artikolu 55, il-votazzjonijiet maqsuma jistgħu jitressqu minn tal-anqas wieħed minn kull għaxra tal-Membri.

**Votazzjoni waħdanija (l-Artikolu 165)**

Punti mqiegħda fuq l-aġenda għall-adozzjoni mingħajr emenda huma suġġetti għal votazzjoni waħdanija fil-plenarja. Talbiet għal votazzjoni maqsuma u unika mhumiex ammissibbli.

# 6 – DOKUMENTI RELATATI MAL-ATTIVITAJIET FIL-PLENARJA

*Ara wkoll:*

- *Emendi (Taqsima 5.1.)*
- *Listi tal-votazzjonijiet (fit-Taqsima 5.2. "Organizzazzjoni tal-votazzjonijiet")*
- *Listi tal-kelliema (fit-Taqsima 4.3. "Interventi fil-Plenarja")*

**Minuti (l-Artikolu 208)**

Il-minuti ta' kull seduta, bid-dettalji tal-proċedimenti u d-deċiżjonijiet tal-Parlament u l-ismijiet tal-kelliema, inklużi r-riżultati tal-votazzjonijiet, huma disponibbli fit-taqsima "minuti" tas-sit web tal-plenarja tal-Parlament mill-inqas nofs siegħa qabel il-bidu tal-perjodu ta' waranofsinhar tas-seduta li jmiss.

Fil-bidu tal-parti ta' waranofsinhar ta' kull seduta, il-President iqiegħed quddiem il-Parlament, għall-approvazzjoni tiegħu, il-minuti tas-seduta ta' qabel. Jekk jitqajmu oġġezzjonijiet għall-minuti, il-Parlament, jekk ikun hemm bżonn, jiddeċiedi jekk il-bidliet mitluba għandhomx jiġu kkunsidrati.

Il-minuti jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali. Jiġi ppubblikati wkoll fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Reġistru tal-attendenza tal-Membri fil-Plenarja (l-Artikolu 162)**

Waqt li jkunu għaddejjin is-seduti, jitqiegħed reġistru tal-attendenza fid-dħul tal-Kamra.

L-ismijiet tal-Membri reġistrati bħala preżenti fir-reġistru ta' attendenza jkunu indikati fil-minuti ta' kull seduta bħala "preżenti". L-ismijiet tal-Membri li jkunu ġew skużati milli jattendu mill-President ikunu indikati fil-minuti ta' kull seduta bħala "skużati".

Il-Membri li jixtiequ jkunu skużati milli jattendu għandhom iressqu talba bil-posta ordinarja jew elettronika u jindirizzawha lis-segretarjat tal-Kwesturi.

**Testi adottati (l-Artikolu 209)**

It-testi adottati fil-plenarja jikkostitwixxu l-atti tal-Parlament Ewropew. Dawn jistgħu jkunu riżoluzzjonijiet, riżoluzzjonijiet leġiżlattivi, opinjonijiet, dikjarazzjonijiet, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, eċċ.

It-testi adottati mill-Parlament għandhom ikunu ppubblikati minnufih wara l-votazzjoni. Għandhom jitressqu quddiem il-Parlament flimkien mal-minuti tas-seduta rilevanti u jinżammu fl-arkivji tal-Parlament.

It-testi adottati mill-Parlament għandhom ikunu suġġetti għal finalizzazzjoni ġuridiko-lingwistika taħt ir-responsabilità tal-President. Meta dawn it-testi jiġu adottati fuq il-bażi ta' ftehim milħuq bejn il-Parlament u l-Kunsill, din il-finalizzazzjoni għandha ssir miż-żewġ istituzzjonijiet f'kooperazzjoni mill-qrib u permezz ta' ftehim reċiproku.

Il-pożizzjonijiet adottati mill-Parlament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għandhom jieħdu s-sura ta' test konsolidat. Meta l-vot tal-Parlament ma jkunx ibbażat fuq ftehim mal-Kunsill, it-test ikkonsolidat għandu jidentifika l-emendi li jkunu ġew adottati.

Wara l-finalizzazzjoni, it-testi adottati għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali u għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Rapport verbatim (l-Artikolu 210)**

Isir rapport verbatim tad-diskussjonijiet ta' kull seduta bħala dokument multilingwi li fih jidhru l-kontributi orali kollha bil-lingwa oriġinali uffiċjali. Ir-rapport verbatim jinkludi wkoll dikjarazzjonijiet bil-miktub (l-Artikolu 178(13)).

Ir-rapport verbatim għandu jiġi ppubblikat bħala anness mal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet (l-Artikolu 211)**

Il-Parlament ixandar direttament fuq is-sit web tiegħu id-dibattiti fil-plenarja, bil-lingwi li bihom isiru, kif ukoll is-soundtrack multilingwi mill-kabini ta' interpretazzjoni attivi kollha.

Immedjatament wara kull seduta, il-Parlament jippubblika fuq is-sit web tiegħu reġistrazzjoni awdjoviżiva indiċizzata tad-dibattiti fil-plenarja, b'konnessjoni mar-rapporti verbatim multilingwi tad-diskussjonijiet, li tkun disponibbli għall-istreaming, id-downloading u l-uploading fuq il-midja soċjali.

**Distribuzzjoni tad-dokumenti (l-Artikoli 165 u 169)**

Id-dokumenti li jiffurmaw il-bażi għad-dibattiti u d-deċiżjonijiet tal-Parlament jiġu stampati u jitqassmu lill-Membri. Dawn ikunu aċċessibbli wkoll permezz tal-paġna web tal-Plenarja. Lista ta' dawn id-dokumenti tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduti tal-Parlament.

Ħlief fil-każijiet ta' urġenza skont kif jipprevedu r-Regoli ta' Proċedura, id-dibattiti u l-votazzjonijiet ma jinfetħux fuq test fil-plenarja sakemm it-test ma jkunx tqassam tal-anqas erbgħa u għoxrin siegħa qabel.

**Rapporti leġiżlattivi (l-Artikolu 51)**

It-terminu "rapport leġiżlattiv" jirreferi għal testi kkunsidrati mill-Parlament fil-kuntest tal-proċeduri leġiżlattivi varji (bħall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, ta' approvazzjoni u ta' konsultazzjoni).

**Rapporti mhux leġiżlattivi (l-Artikolu 53)**

It-terminu "rapport mhux leġiżlattiv" jirreferi għal rapporti adottati mill-Parlament fuq inizjattiva tiegħu stess.

**Testi relatati ma' stqarrijiet minn istituzzjonijiet oħra u mistoqsijiet orali b'dibattitu (l-Artikoli 136 u 142)**

Meta stqarrija b'dibattitu jew mistoqsija orali titqiegħed fuq l-aġenda, il-Parlament jiddeċiedi jekk jagħlaqx id-dibattitu b'riżoluzzjoni jew le. Jekk il-Parlament jiddeċiedi dwar riżoluzzjoni, kumitat, grupp politiku jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu l-baxx jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni, f'konformità mal-Artikoli 136 u 142, rispettivament.

Kull mozzjoni għal riżoluzzjoni tingħata numru f'serje ta' dokumenti. Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta li tissostitwixxi sett ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjoni (dwar l-istess suġġett) tingħata numru JMR kif ukoll in-numru tas-serje tal-ewwel mozzjoni mressqa tas-sett li jkun se jiġi sostitwit.

**Referenzi u akronimi għad-dokumenti tas-sessjoni**

Ir-referenzi u l-akronimi li ġejjin, li jindikaw it-tipi differenti ta' proċedura u dokumenti, spiss jintużaw fid-dokumenti tas-sessjoni:

A: rapporti, rakkomandazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-tieni qari
B: mozzjonijiet għal riżoluzzjoni u dokumenti ta' sessjoni oħra
O: mistoqsijiet orali
G: interpellanzi maġġuri
C: dokumenti minn istituzzjonijiet oħra
T: testi adottati
RC: mozzjonijiet għal riżoluzzjoni konġunta
COD jew *** proċedura leġiżlattiva ordinarja (I: l-1 qari; II: it-2 qari; III: it-3 qari)
CNS jew * proċedura ta' konsultazzjoni
APP jew *** kunsens
NLE: promulgazzjoni mhux leġiżlattiva
REG: rapport dwar emenda għal Artikolu fir-Regoli ta' Proċedura
INI: rapport fuq inizjattiva proprja
INL: rapport fuq inizjattiva proprja leġiżlattiv
IMM: rapport dwar talba għad-difiża jew it-tneħħija tal-immunità ta' Membru
BUD: dokumenti tal-baġit
DEC: kwittanza baġitarja
ACI: ftehim interistituzzjonali
RSP: riżoluzzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza politika
DEA: atti delegati
RPS: proċedura regolatorja bi skrutinju
RSO: deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni interna
ĠU: aġenda

In-numru li jista' jsegwi l-ittra li tindika t-tip ta' dokument jirreferi għall-perjodu tal-leġiżlatura: pereżempju:
A8 = rapport adottat waqt it-tmien leġiżlatura; A9 = rapport adottat waqt id-disa' leġiżlatura, eċċ.

**Direttorat għas-Seduta Plenarja**

Is-Segretarjat tad-Direttorat għas-Seduta -Plenarja jista' jiġi kkuntattjat permezz ta' email fuq **sessions@europarl.europa.eu** jew permezz tal-formola ta' kuntatt tal-paġna web tal-Plenarja.

Fil-Kmamar ta' Brussell u Strasburgu l-uffiċjali li jassistu lill-President huma responsabbli mill-kompiti li ġejjin:

- il-minuti
- ir-rapporti verbatim tad-diskussjonijiet
- il-listi tal-kelliema
- it-talbiet għal interventi u t-talbiet biex jinbidel il-ħin tad-diskors
- l-ispjegazzjonijiet tal-vot
- l-assistenza tal-President u l-Viċi President fit-tmexxija tas-seduta.

Glossarju:

Limitu baxx = 5 % tal-Membri komponenti tal-Parlament, jiġifieri 36 Membru
Limitu medju = 10 % tal-Membri komponenti tal-Parlament. jiġifieri 72 Membru
Limitu għoli = 20 % tal-Membri komponenti tal-Parlament, jiġifieri 144 Membru